MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 566/2003

Kawza fil-lista: 23

**A B**
**vs**
**C B, D E, Direttur tar-Registru Pubbliku u L-Avukat Dottor Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud nominati b' digriet tat-28 ta' Ottubru 2004 kuraturi deputati ad litem biex jirrapprezentaw lill-minuri tewmin F u G ahwa B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi fl-erbgha (4) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003) il-konvenuta C B, mart l-attur, weldet tewmin li ssemmew F u G;

U peress illi t-twelid ta' l-imsemmija F gie registrat fir-Registru Pubbliku bl-Att tat-Twelid numru 591 u dak ta' G bl-Att tat-Twelid numru 590, Fiz-zewg atti relattivi l-attur gie indikat bhala missier it-trabi (Dok Au B);

U peress illi l-imsemmija tewmin F u G twieldu minn relazzjoni extra-matrimonjali li kellha l-konvenuta C B mal-konvenut D E;

U peress li l-konvenut D E u anke l-konvenuta C B stqarrew ma' l-attur li l-imsemmija trabi tewmin huma frott tar-relazzjoni taghhom extra matrimonjali;

U peress illi ghalhekk l-attur ghandu kull interess jichad li jaghraf lill-imsemmija trabi tewmin billi mhuwiex wild naturali tieghu;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli m'ghandiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-imsemmija tewmin F u G ahwa B m'humiex ulied naturali ta' l-attur;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoregi l-Att tat-Twelid ta' F B numru 591 u l-Att tat-Twelid ta' G B 590 fis-sens li tigi minnhom imnehhija kull referenza ghall-attur bil-partikolarijiet tieghu kull fejn jirrikorru u tordna kull korrezzjoni li jidhrilha opportuna fic-cirkostanzi sabiex it-tewmin F u G jigu dikjarati bhala tfal ta' missier mhux maghruf jew tfal tal-konvenut D E, jew ta' persuna ohra li talvolta tista' tirrizulta bhala l-missier naturali taghhom;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' kwalunkwe testijiet necessarji sabiex issir il-verifika tal-paternita' kontra l-konvenuti C B u D E *in solidum* jew mod iehor, u l-konvenuti huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, jekk it-talbiet attrici jigu milqugha l-kliem “the said” iridu jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tindika t-taghrif dwar l-omm fl-Att ta’ Twelid in kwistjoni

3. Illi l-attur ghandha jispecifika d-dettalji personali kollha ta’ l-allegat missier naturali u cioe’ l-konvenut D E biex jekk it-talbiet attrici jintlaqghu, dawn ikunu jistghu jigu inseriti fil-kolonni rispettivi fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

4. Illi jehtieg illi jigi korrett n-numru progressiv ta’ iskrizzjoni ta’ l-Atti tat-Twelid in kwistjoni fit-tieni talba attrici u kull fejn hemm referenza ghalihom stante illi l-Att tat-Twelid ta’ G B igib in-numru progressiv ta’ iskrizzjoni 590 tas-sena 2003 filwaqt illi l-Att tat-Twelid ta’ F B igib in-numru progressiv ta’ iskrizzjoni 591 tas-sena 2003.

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew illi huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirrizervaw sabiex ulterjorment jipprovdu eccezzjonijiet meta ikunu jafu l-fatti;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat li l-konvenuti C B u D E debitament notifikati ghazlu li jibqghu kontumaci;

Rar ir-rapport ta’ l-espert xjentifiku Christopher Farrugia minnu debitament mahluf fl-udjenza tal-23 ta’ Marzu 2006;

Rat l-avviz pubblikat fil-Gazzettat tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi l-azzjoni odjerna hija dik ta’ denegata paternita’ li permezz taghha l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja li t-tewmin F u G li twieldu fl-4 ta’ Frar 2003 mill-konvenuta martu mhumiex il-wild tieghu ghalkemm fuq l-Att tat-Twelid taghhom bin-numri 591 u 590 huwa jinsab indikat bhala missierhom.

Mill-affidavits tal-konvenuti C B u D E, maghmula fil-21 ta’ Mejju 2004,  jirrizulta li dawn kienu ilhom f’ relazzjoni ma xulxin circa disa’ snin, u minn din ir-relazzjoni twieldu l-minuri F u G.  D E jghid li “dawn it-tfal ridnihom u kienu ppjanati.” [fol.39].  Il-konvenuta minn naha taghha, filwaqt li kkonfermat il-versjoni tal-konvenut E, tghid illi f’ dak iz-zmien ghalkemm hija kienet mizzewwga lill-attur kienet ilha mifruda sesswalment minnu ghal diversi snin u l-unici rapporti intimi li kellha kienu mal-konvenut D E [fol.38].

Illi r-rapport xjentifiku jaghti affidament lill-versjoni konvenuta li l-missier naturali ta’ l-imsemmija minuri huwa l-konvenut D E u mhux l-attur.  [fol.51]

Illi fl-udjenza tat-23 ta’ Marzu 2006 l-istess D E kkonferma bil-gurament li fid-data tat-twelid tat-tewmin huwa kellu 46 sena u li missieru Louis kien mejjet, u twieled il-Hamrun u li fid-data tat-twelid taghhom huwa kien joqghod il-Mosta. [fol.49].

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha, fis-

sens li l-missier bijologiku tat-tewmin F u G huwa l-konvenut D E u mhux l-attur.

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara li l-imsemmija tewmin F u G, registrati bil-kunjom B, mhumiex ulied naturali ta' l-attur;  izda huma l-wild naturali tal-konvenut D E; u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoreggi l-Att tat-Twelid numru 591 ta' F B, u l-Att tat-Twelid numru 590 ta' G B, fis-sens li isem l-attur u d-dettalji tieghu jigu kancellati u sostitwiti b' isem D E u d-dettalji tieghu kif fuq riportati.

L-ispejjez kollu jkunu a kariku tal-konvenuti C B u D E fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------